# Ix-Xogħol tal-Marsin fl-Imgħoddi

**Kitba ta' Pawlu Dimech**

In-nies tal-Marsa kienu l-biċċa l-kbira ħaddiema ta' l-id. Il-familji numerużi kienu fqar, imma bieżla, ħawtiela u jmiddu jdejhom għax-xogħol mhux biss li għandu x'jaqsam mal-faħam, il-ħatt u t-tgħabija tal-merkanzija fix-xatt, iżda fix-xogħol tas-snajja'. Kienu nies kapaċi u mgħallmin fil-mistier tagħhom. Ħafna mix-xogħol u snajja' ta' l-imgħoddi kważi spiċċaw għal kollox u saru biss parti mill-istorja ta' raħal twelidna.



*Xogħol tal-qfuf tal-qasab*

Ċertu xogħol li kien isir sar il-laqam tal-familja għaliex ħafna drabi kont isib l-ħanut mad-dar residenzjali tagħhom. Dawn kienu jinsabu max-xatt kollu, il-Menqa u fit-toroq tal-Marsa. Naraw li x-xogħol kellu x'jaqsam ma' l-ambjent tax-xatt, il-pitkalija, il-bhejjem, l-inġenji u l-bżonnijiet tal-ħajja ta' kuljum. Snajja' marbuta mal-bhejjem kienu dawk tas-sillar, tan-nagħal taż-żiemel, il-ħaddieda, dak konness mal-karozzini u l-karrijiet tal-mejtin. Oħrajn kellhom ħwienet tas-silla, bil-ġwież, in-nuħħala u l-qamħarrun. Fil-Marsa fil-qalba tal-port ma' jistax ma jkollokx nies marbuta max-xogħol tax-xatt u l-baħar bħal baħħara, barklora, ħaddiema fix-xogħol tal-bini u tiswija tal-braken, qalfata u tal-bini ta' l-opri tal-baħar, bħal luzzijiet, dgħajjes tax-xogħol u dawk tar-Regatta. Xogħol ieħor li għandu x'jaqsam mal-ħaddiema tax-xatt kienu l-ħwienet ta' l-ikel bit-tisjir tal-minestra, il-kirxa u l-qali fuq il-kenur li kienu popolari u mfittxija. Kien hawn sa min ibiegħ l-ilma lill-ħaddiema tal-faħam. Sengħa oħra kienet dik tal-buttara fil-Menqa li jaħdmu l-btieti ta' l-imbid, l-krietel u bramel tal-patata għall-esportazzjoni. Ma' dan ix-xogħol tal-patata kien hawn il-pizattur u n-nisa li jagħżlu l-patata fuq il-luna ħdejn it-tined tal-patata.

Xogħol partikulari fil-Marsa li kien jinħadem hu dak tal-qasab, bxiekel, ħsajjar, qfief kbar tal-qasab għall-faħam u għal ġarr ta' terrapin, il-qartal għad-demel u mezzez għall-pitkalija. Snajja' oħra kienu jirriflettu l-ħajja sempliċi u fqira tal-poplu Marsi, bħal bejgħ tal-gaxxien, il-landiera, l-iskrapan, ir-regettiera, il-ħajjata, il-majjistra u dawk li jagħmlu l-għonnelel. Marsin kienu jaħdmu fl-imtieħen tad-dqiq, id-dħin tal-kafè, furnara, ħassiela u fil-bejgħ tal-ħalib bil-merħla tal-mogħoż u n-nagħaġ. Xi wħud kienu jaqilgħu l-ħobżha bil-bejgħ ta' l-ikel lest bħal tal-bigilla, ta' l-isfiniċ, tal-galletti, il-qagħaq ħelwin u l-ġelat tal-bezzun flimkien mal-buskuttini tar-raħal. Dan bla ma ninsew dawk li jagħmlu l-luminata u l-bejgħ ta' l-inbid u xorb ta' l-ispirti bħal rum, whisky, anisetta u oħrajn. Hekk kif daħlu l-inġenji bdew jidhru l-ħwienet ta' l-inġenji tal-baħar u ta' l-art tant li kien hawn sal-bini tax-xarabanks u xogħol konness mal-karozzi.

Ma' dawn kien hawn snajja' oħra komuni bħal mastrudaxxi, bennejja, bajjada, raħħala u bdiewa. Ħaġa tipika kien ix-xogħol ta' l-irħam u ânke il-ħdiem tat-twiebet u kommissjonanti tal-funerali. Madankollu li semmejna kien hawn ħamel ta' bejjiegħa fit-toroq b'kull xorta ta' oġġetti ta' l-ikel, tjur u affarijiet oħra.

Din hija ideja żgħira tax-xogħol tal-Marsin bieżla ta' l-imgħoddi.